# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' April 2016

Rikors Guramentat Nru. 275 / 15RGM

Kawza fil-lista: 2

**D F**
**vs**
**L-Avukati Joseph Mizzi u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia illi b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti G W F**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-4 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Lukanda Bella Vista Hotel, il-Qawra ir-rikorrenti zzewweg lill-intimata G W F nee' Oliva Romero imwielda Kuba fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija tnejn u sebghin (1972);

2. Illi sena u nofs mid-data taz-zwieg l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali;

3. Illi l-kontendenti ilhom separati de facto ghal iktar minn hames (5) snin u konsegwentement ilhom ma jghixu flimkien ghal perjodu ta' aktar minn erbgha (4) snin fl-ahhar hames snin mid-data li fih qed jinghataw bidu ghall-proceduri ta' dan id-divorzju;

4. Illi miz-zwieg taghhom ma kienu twieldu l-ebda ulied u m'ghandhom l-ebda propjeta/assi li jappartjenu lilhom it-tnejn flimkien;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jipprocedi ghall-divorzju u mhux qed jinsisti ghall-manteniment;

7. Illi m'hemm xejn fil-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet x'jigi diviz bejniethom;

8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi fit-tlieta (3) ta' Awwissu 2015 il-qorti laqghet it-talba tar-rikorrent u permezz ta' digriet numru 1117/15 hatret lil dak il-kuratur li jmiss lilu skont it-turn;

10. Illi r-rikorrent jikkonferma li qabel ma nbdew il-proceduri skont l-artikolu 66B tal-Kapitalu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, l-avukat li qed jippatroncinja l-kaz tieghu ddiskuta mieghu l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u qallu bil-fakulta ta' separazzjoni personali bhala alternattiva ghad-divorzju imma r-rikorrent tenut kont ta' dak li intqal aktar qabel u peress li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni ta' bejn l-istess mizzewgin huwa qed isotni li bir-rispett kollu z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat mahlul ai termini tal-artikoli 66B tal-Kapitlu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn D F u G W F datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Lukanda Bella Vista Hotel, il-Qawra jigi dikjarat mahlul;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai terminu tal-Ligi;

3. Tiddikjara li l-intimata G W F hija unikament hatja ghall-firda tal-kontendenti ai termini tar-ragunijiet stipulati fl-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligiijiet ta' Malta;

4. Tapplika kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' ikollha sabiex titlob u/jew tottjeni l-hlas ta'manteniment minghand ir-rikorrenti u dan ghal ragunijiet validi u accettati fil-Ligi;

6. Tiddikjara li l-intimata m'ghandha ebda dritt u/jew pretensjonijiet fuq id-dar matrimonjali, ossia, fuq il-fond;

7. Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat in-nota tal-Avukat Charlon Gouder li permezz taghha iddikjarat li osserva dak mitlub bl-Artikolu 66G (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ipprezentata fil-25 ta’ Jannar 2016 li permezz taghha issottomettew li m’humiex edotti ghall-fatti tal-kaz.

Rat l-affidavit tal-attur ipprezentat fis-16 ta’ Frar 2016.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

L-attur xehed kif il-partijiet iltaqghu fis-sena 2005 waqt mawra gewwa l-Bulgarija fejn bdiet ir-relazzjoni ta’ bejniethom. Sena wara giet Malta u ddecidiet li tibqa’ tghix hawnhekk. Eventwalment izzewgu fl-24 ta’ Mejju 2008. Hawn Malta ftit hadmet u fis-sena 2010 hija ddecidiet li tmur Spanja bl-iskuza li ssib xoghol tajjeb hemmhekk. Darba li kienet Spanja pero’ qatghet kull kuntatt mal-attur u llum ma jafx fejn tinsab.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet (1) ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin; (2) ulied m’ghandhomx; (3) assi tal-komunjoni tal-akkwisti ma hemm xejn; (4) ir-rikorrent mhux qed jippretendi manteniment minghand il-parti

l-ohra; (5) iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba abbandun da parti tal-konvenuta; u (6) m'hemm l-ebda possibilita' li l-partijiet jirrikonciljaw.

Isegwi ghalhekk illi dak kollu rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa sodisfatt ghalhekk hemm lok li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati:

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet celebrat fl-24 ta' Mejju 2008;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Tiddikjara li l-intimata G W F hija unikament hatja ghat-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti ai termini tar-ragunijiet stipulati fl-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligiijiet ta' Malta;

4) Tapplika kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' ikollha sabiex titlob u/jew tottjeni l-hlas ta'manteniment minghand ir-rikorrenti u dan ghal ragunijiet validi u accettati fil-Ligi;

6) Tiddikjara li r-rikorrenti ghandu d-dritt esklussiv li jirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-intimata.

Bl-ispejjez kontra G W F b'dan illi l-attur ghandu provvizorjament ihallas l-ispejjez tal-kuraturi deputati.

**Imhallef** **Deputat Registratur**